A.L. 156 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR IT-THARIS MILL-MARD
(KAP. 36)

Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tiżmim ta' Majjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 87 ta' l-Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard, il-Ministru tal-Agrikoltura u Sajd, bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 dwar it-Tiżmim ta' Majjali, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1980 dwar it-Tiżmim ta' Majjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 86 ta' l-1980.

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "tad-Direttur." għandhom jidħlu l-kliem "tad-Direttur u kemm-il darba id-detentur tal-liċenza ma jkollux permess maħruġ mill-Bord għal Permessi dwar Area ta' Pjan Regulatur (PAPB).".

Ħassar r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

Iżid ir-regolament 9 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolamenti 9 sa 16 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti minn 10 sa 17, u minnufih wara r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Kwota ta' qtil.

9. Id-Direttur jista' jalloka kwota ta' qtil ta' majjali għal kull min irabbi l-majjali, u dik il-kwota, jew sehem minnha, ma tistax tingħadda minn persuna li trabbi l-majjali lil persuna oħra jekk ma jkollhiex approvazzjoni tad-Direttur:

Iżda d-Direttur jista' jibdel il-kwota imsemmija skond il-ħtiġiet tal-industrija tal-majjali, jew fil-każ li detentur ta' liċenza ma jkunx ikkonforma ruħu mal-kondizzjonijiet imposti fl-istess liċenza.".

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti." għandhom jidħlu l-kliem "qabel l-1 ta' Lulju, 1991.".